# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1122

**tat-28 ta' Lulju 2020**

**dwar ir-rikonoxximent ta' DNV GL AS bħala soċjetà tal-klassifikazzjoni għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li temenda d-Direttiva 2009/100/KE u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 21(1) tagħha,

Wara konsultazzjoni mal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/672/KEE tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar ir-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati tal-boatmasters nazzjonali għat-trasportazzjoni ta' merkanzija u ta' passiġġieri permezz ta' passaġġi interni fuq l-ilma ([2]),

Billi:

(1) Il-Ġermanja ressqet applikazzjoni lill-Kummissjoni għar-rikonoxximent ta' DNV GL AS bħala soċjetà tal-klassifikazzjoni f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/1629.

(2) Il-Ġermanja ressqet ukoll l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni meħtieġa sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tivverifika li l-kriterji għar-rikonoxximent huma ssodisfati.

(3) DNV GL AS hija soċjetà ġdida tal-klassifikazzjoni, li ġiet iffurmata wara l-fużjoni ta' żewġ soċjetajiet tal-klassifikazzjoni, Det Norske Veritas AS u Germanischer Lloyd SE, fl-2013.

(4) Preċedentement Germanischer Lloyd SE kienet ingħatat rikonoxximent bħala soċjetà tal-klassifikazzjoni għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni f'konformità mad-Direttiva 2006/87/KE.

(5) DNV GL AS, bħala entità legali ġdida stabbilita bħala konsegwenza tal-fużjoni, jenħtieġ li tiġi rikonoxxuta mill-Kummissjoni bħala soċjetà tal-klassifikazzjoni ġdida f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/1629.

(6) Il-Kummissjoni vvalutat l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni li jakkumpanjaw l-applikazzjoni għal rikonoxximent, li tikkonferma li DNV GL AS tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Anness VI tad-Direttiva (UE) 2016/1629,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

DNV GL AS għandha tiġi rikonoxxuta bħala soċjetà tal-klassifikazzjoni għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/1629.

([1]) ĠU L 252, 16.9.2016, p. 118.
([2]) ĠU L 373, 31.12.1991, p. 29.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Lulju 2020.

*Għall-Kummissjoni*
Adina VĂLEAN
*Membru tal-Kummissjoni*